

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2019/1995

tal-21 ta' Novembru 2019

li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija

(ĠU L 310, 2.12.2019, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|--------------------|--|------------------|-------|-----------|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ► <u>M1</u> | Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1109 tal-20 ta' Lulju 2020 | L 244 | 3 | 29.7.2020 |



DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2019/1995

tal-21 ta' Novembru 2019

li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija

Artikolu 1

Id-Direttiva 2006/112/KE hija emendata kif ġej:

- (1) Fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu V, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 36b

Meta persuna taxxabbli hija kkunsidrata li rċeviet u pprovdiet il-merkanzija skont l-Artikolu 14a, id-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija għandu jiġi attribwit lill-provvista magħmula minn dik il-persuna taxxabbli.”;

- (2) L-Artikolu 66a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 66a

B'deroga mill-Artikoli 63, 64 u 65, il-fatt taxxabbli tal-provvista tal-merkanzija minn persuna taxxabbli li hija meqjusa li rċeviet u forniet il-merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14a u l-provvista tal-merkanzija lil dik il-persuna taxxabbli għandha sseħħ u l-VAT għandha tiġi imposta fil-mument meta jkun ġie aċċettat il-ħlas.”;

- (3) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 136a

Meta persuna taxxabbli titqies li rċeviet u pprovdiet merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14a(2), l-Istati Membri għandhom jeżentaw il-provvista ta' dik il-merkanzija lil dik il-persuna taxxabbli.”;

- (4) Fl-Artikolu 169, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) tranżazzjonijiet li huma eżenti skont l-Artikoli 136a, 138, 142 jew 144, l-Artikoli 146 sa 149, l-Artikoli 151, 152, 153 jew 156, l-Artikolu 157(1)(b), l-Artikoli 158 sa 161 jew l-Artikolu 164;”;

- (5) fl-Artikolu 204(1), it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Madankollu, l-Istat Membri ma jistgħux japplikaw l-għażla msemmija fit-tieni subparagrafu għal persuna taxxabbli skont it-tifsira tal-punt (1) tal-Artikolu 358a li għażlet l-iskema speċjali għal servizzi pprovduti minn persuni taxxabbli mhux stabbiliti fi ħdan il-Komunità.”;

▼B

- (6) fl-Artikolu 272(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“(b) persuni taxxabli li ma jwettqu l-ebda waħda mit-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 20, 21, 22, 33, 36, 136a, 138 u 141;”;

- (7) l-intestatura tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII hija sostitwita b'dan li ġejj:

“Skemi speċjali għal persuni taxxabli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabli jew li jaġhmlu bejgħ b'distanza ta' merkanzija jew li jipprovdu ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija”;

- (8) l-intestatura tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII hija sostitwita b'dan li ġejj:

“Skema speċjali għal bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija għall-provvisti ta' merkanzija fi ħdan Stat Membru magħmula minn interfaċċi elettroniċi li jiffaċilitaw dawk il-provvisti u għas-servizzi pprovduti minn persuni taxxabli stabbiliti fil-Komunità iżda mhux fl-Istat Membru tal-konsum”;

- (9) l-Artikolu 369a huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Artikolu 369a

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) ‘persuna taxxabli li mhijiex stabbilita fl-Istat Membru ta' konsum’ tfisser persuna taxxabli li stabbiliet in-negozju tagħha fil-Komunità jew li għandha stabbiliment fiss hemm iżda li ma stabbilixxietx in-negozju tagħha u lanqas ma għandha stabbiliment fiss fit-territorju tal-Istat Membru ta' konsum;
- (2) ‘L-Istat Membru ta' identifikazzjoni’ tfisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-persuna taxxabli stabbilixxiet in-negozju tagħha jew, jekk ma stabbilixxietx in-negozju tagħha fil-Komunità, fejn għandha stabbiliment fiss.

Fejn persuna taxxabli ma stabbilixxietx in-negozju tagħha fil-Komunità, iżda għandha iktar minn stabbiliment fiss wieħed hemmhekk, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jkun l-Istat Membru li fih jinsab l-istabbiliment fiss fejn dik il-persuna taxxabli tindika li ser tagħmel użu minn din l-iskema speċjali. Il-persuna taxxabli għandha tkun marbuta b'dik id-deċiżjoni għas-sena kalendarja kkonċernata u għas-sentejn kalendarji ta' wara.

▼B

Fejn persuna taxxabli ma stabbilixxietx in-negozju tagħha fil-Komunità u lanqas ma għandha stabbiliment fiss hemmhekk, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jkun l-Istat Membru li fih jibda d-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija. Fejn ikun hemm aktar minn Stat Membru wieħed li fih jibda d-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija, il-persuna taxxabli għandha tindika liema minn dawk l-Istati Membri għandu jkun l-Istat Membru ta' identifikazzjoni. Il-persuna taxxabli għandha tkun marbuta b'dik id-deċiżjoni għas-sena kalendarja kkonċernata u għas-sentejn kalendarji ta' wara;

(3) 'Stat Membru ta' konsum' tfisser dan li ġej:

- (a) fil-każ ta' provvista ta' servizzi, tfisser l-Istat Membru fejn il-provvista titqies li sseħħ skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu V;
- (b) fil-każ ta' bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija, tfisser l-Istat Membru fejn jintemm id-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija lill-konsumatur;
- (c) fil-każ ta' provvista ta' merkanzija magħmula minn persuna taxxabli li tiffaċilita dawk il-provvisti f'konformità mal-Artikolu 14a(2) fejn id-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija pprovduta jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru, tfisser dak l-Istat Membru.”;

(10) L-Artikolu 369b huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 369b

L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-persuni taxxabli li ġejjin li jużaw din l-iskema speċjali:

- (a) persuna taxxabli li twettaq bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija;
- (b) persuna taxxabli li tiffaċilita l-provvisti ta' merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14a(2) fejn id-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija pprovduta jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru;
- (c) persuna taxxabli mhux stabbilita fl-Istat Membru ta' konsum li tipprovdi servizzi lil persuna mhux taxxabli.

Din l-iskema speċjali tapplika għal dik il-merkanzija jew dawk is-servizzi kollha pprovduti fil-Komunità mill-persuna taxxabli kkonċernata.”;

(11) fl-Artikolu 369e, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) jekk tinnotifika li ma għadhiex twettaq provvisti ta' merkanzija u servizzi koperti minn din l-iskema speċjali;”;

▼B

- (12) L-Artikolu 369f huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Artikolu 369f

Il-persuna taxxabli li tagħmel użu minn din l-iskema speċjali għandha, permezz ta' mezzi elettroniċi, tippreżenta lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni dikjarazzjoni tal-VAT għal kull tliet xhur kalendarji, kemm jekk ipprovdiet merkanzija jew servizzi koperti minn din l-iskema speċjali, kif ukoll jekk le. Id-dikjarazzjoni tal-VAT għandha tiġi ppreżentata sa tmiem ix-xahar wara tmiem tal-perijodu tat-taxxa kopert mid-dikjarazzjoni.”;

- (13) fl-Artikolu 369g, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġejj:

“1. Id-dikjarazzjoni tal-VAT għandha turi n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmi fl-Artikolu 369d u, għal kull Stat Membru ta' konsum fejn hija dovuta l-VAT, il-valur totali mingħajr il-VAT, ir-rati ta' VAT applikabbli, l-ammont totali għal kull rata tal-VAT korrispondenti u l-VAT totali dovuta fir-rigward tal-provvisti li ġejjin koperti minn din l-iskema speċjali mwettqa matul il-perijodu tat-taxxa:

- (a) bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija;
- (b) provvisti ta' merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14a(2) fejn id-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija pprovduti jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru;
- (c) provvista ta' servizzi.

Id-dikjarazzjoni tal-VAT għandha tinkludi wkoll emendi relatati mal-perijodi tat-taxxa preċedenti kif previst fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Fejn il-merkanzija tintbagħat jew tiġi ttrasportata minn Stati Membri oħrajn li mhumiex l-Istat Membru ta' identifikazzjoni, id-dikjarazzjoni tal-VAT għandha tinkludi wkoll il-valur totali mingħajr il-VAT, ir-rati ta' VAT applikabbli, l-ammont totali għal kull rata tal-VAT korrispondenti u l-VAT totali dovuta fir-rigward tal-provvisti li ġejjin koperti minn din l-iskema speċjali, għal kull Stat Membru fejn tali merkanzija tintbagħat jew tiġi ttrasportata minn:

- (a) bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija għajr dak magħmul minn persuna taxxabli f'konformità mal-Artikolu 14a(2);
- (b) bejgħ b'distanza intra-Komunitarju ta' merkanzija u provvisti ta' merkanzija fejn id-dispaċċ jew it-trasport ta' dik il-merkanzija jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru, magħmul minn persuna taxxabli skont l-Artikolu 14a(2).

Fir-rigward tal-provvisti msemmija fil-punt (a), id-dikjarazzjoni tal-VAT għandha tinkludi wkoll numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-individwu jew in-numru ta' referenza tat-taxxa allokat minn kull Stat Membru minn fejn it-tali merkanzija tintbagħat jew tiġi ttrasportata.

▼B

Fir-rigward tal-provvisti msemija fil-punt (b), id-dikjarazzjoni tal-VAT għandha tinkludi wkoll numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-individwu jew in-numru ta' referenza tat-taxxa allokat minn kull Stat Membru minn fejn it-tali merkanzija tintbagħat jew tiġi ttrasportata, jekk applikabbli.

Id-dikjarazzjoni tal-VAT għandha tinkludi l-informazzjoni msemija f'dan il-paragrafu disaggregata skont l-Istat Membru ta' konsum.

3. Fejn il-persuna taxxabli li tipprovi servizzi koperti minn din l-iskema speċjali jkollha stabbiliment fiss wieħed jew aktar, minbarra dak fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni, li minnu huma furnuti s-servizzi, id-dikjarazzjoni tal-VAT għandha tinkludi wkoll il-valur totali minbarra l-VAT, ir-rati tal-VAT applikabbli, l-ammont totali għal kull rata tal-VAT korrispondenti u l-VAT totali dovuta ta' tali provvisti, għal kull Stat Membru li fih hija għandha stabbiliment, flimkien ma' numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-individwu jew in-numru ta' referenza tat-taxxa ta' dan l-istabbiliment, disaggregati skont l-Istat Membru ta' konsum.”;

(14) Fl-Artikolu 369zb, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-VAT imsemija fil-paragrafu 1 titħallas kull xahar sa l-iskadenza għall-ħlas applikabbli għall-ħlas ta' dazju fuq l-importazzjoni.”.

Artikolu 2

1. ►**M1** L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2021, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Lulju 2021. ◀

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.